# ‘POSITION PAPER” ID-DURI

28 ta’ Diċembru 2005

- **duri tal-kaċċaturi u n-nassaba:** dawn għandhom ikunu mibnija skond is-sengħa, it-tradizzjoni u preferibilment mill-materjal li jkun jinstab fil-post, sew jekk dan ikun ħajt tas-sejjieħ jew gagazza. Ikun ukoll aktar xieraq, u sakem hu possibli , li d-dura tkun mibnija kemm jista jkun viċin il-ħajt tal-post, fejn dan jinstab, tal-għalqa partikolari. Duri li ‘llum huma mibnija jew parti mibnija bil-ġebel tal-franka jew bil-briks, għandhom jinksew jew b’tiles magħmulin mill-qxur tal-ġebel tas-sejjieħ li jinstab għall-bejħ fis-suq, jew b’xi taħlita’ ta’ ħamrija u siment, jew b’xi pjanta li tixxeblek, dejjem sakemm b’hekk id-dura tingħata dehra naturali u li tkanġi mal-ambjent tal-post. Jekk xi dura teħtieġ li jkolla xi forma ta’ lquħ mix-xita jew mir-riħ, il-materjal li jintuża għal dan l-iskop għandu ukoll ikun miksi jew miżbuħ b’tali mod li ma jagħtix fil-għajn u dehra kera lid-dura, pero’ li ukoll ikun kompatibbli mal-ambjent fejn tinstab id-dura.

Id-duri għoljin, kemm id-dura nfisha kif ukoll il-pedestal fuq liema tkun imwaqqfa l-istess dura, għandhom ukoll ikunu miżbugħa b’tali mod li ma jagħtux fil-għajn u jkanġu mas-siġar jew l-ambjent naturali ta’ madwarhom.

Duri ‘portable’ huma aċċetabbli.

Materjal ieħor, bħal friġis, kukers, tankijiet tal-erbgħin, pjanċi msadda, eċċ. mgħandhomx jintużaw.